**Int sabiħa**

Rajtek tħares fil-beraħ
B'dawk għajnejk skuri ħelwin,
Mimlija b'tant imħabba
Li għandek għall-imsejknin.

Jien naf li qalbek kbira
Tħoss wisq għal min hu fil-bżonn,
Naf ukoll li ħiltek
Marbuta mal-aqwa don.

Sewwasew dan jolqotni
Fik li għadek żgħażugħa,
Għax għaraft x'inhi l-ħajja
Hi l-imħabba muġugħa.

Li tmur l'bogħod mill-weġgħa
Iffjammata b'mibegħda
Avolja tweġġa' ħafna
Issir tal-ħniena x-xehda.

Jekk din hi int kif tridni
Ma nammirakx bil-bosta,
Ma tafx x'inhi vendetta
Int tant umli mhux tosta.

Dan lilek jagħmlek id-dawl
Biex l-ohrajn iħarsu lejk,
Għax dan li d-dinja tagħna
Tinħtieġ, ħniena minn idejk.

Ibqa' miexja tjubija
Bosta għaqal u maħfra,
Din hi l-mara b'saħħitha
Li tħobb, qalbha mhix xafra.

Qawwietek kenn is-sewwa
Fit-tiġrib tibqa' sħiħa,
Talbek għanja wisq ħelwa
B'għemilek int sabiħa.

Patri Mario Attard OFM Cap
4 ta' Frar 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.